;

**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Gunju 2023**

**Rikors nru : 286/2023 AGV ;**

**RD**

**U**

**JD**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta‘ RD datat 16 ta‘ Mejju 2023 :**

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-partijiet izzewgu f malta nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta Mejju tas-sena elf disa‘ mija u tmienja u disghin (1998) gewwa l-parocca tan- Naxxar ( certifikat taz-zwieg bin-numru 79738 hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A)** ;

2. Illi minn dan iz-zwieg , il-partijiet kellhom zewg ulied, DD mwieled nhar l-ghoxrin ta‘ Gunju tas-sena elf disa mija u disa u disghin ( 1999) maggorenni ta‘ tlieta u ghoxrin sena u RD mwieled nhar is-sebgha ta‘ Lulju tas-sena elfejn u disgha ( 2009) li huwa minuri ta‘ tlettax -il sena (13).

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta‘ kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr. Sean Critien datat l-erbatax (14) ta Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk is-separazzjoni taghhom giet regolata b'dan il-kuntratt (kopja awtentika hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. B) ;**

4. Illi fil-bidu kein Daniel Debono biss li jghix mal-missier wara li kien wera x-xewqa li jibqa jghix ma missieru fid-dar li kein trabba fiha. Il-minuri RD kein jghix ma‘ ommu sa ftit wara sakemm inbdilitu c-cirkostanzi u saret emenda fil-kuntartt ta separazzjoni kif hawn that spjegat;

5. Illi madwar sentejn wara l-kuntratt ta‘ separazzjoni , il-partijiet qablu li jemendaw dan il-kuntratt pubbliku fl-erbgha ta‘ Gunju tas-sena elfejn u

hmistax (2015) fejn Ruben Debono nghata l-kura u l-kustodja taz-zewgt ulied li ilkoll marru jghixu mal-missier bl-omm ikollha access liberu kif regolat fl-istess emenda liema emenda qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala (**Dok C )**

6. Illi l-partijiet ilhom ma jirrisjedu flimkien bhala mizzewgin ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u cioe' minn meta huma sseparaw legalment kif fuq premess;

7. Illi l-partijiet kienu rrinunzjaw ghad-dritt li jesigu l-manteniment minghand xulxin u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni u l-emenda bl-eccezzjoni hawn taht spejgata;

8. Illi wara li l-wild tal-partijiet RD mar jghix ma' missieru u wara li saret l-emenda tal-kuntratt t' separzzjoni il-partijet qablu li l-omm ghadha tikkontrbwixxxi biss ghal nofs ispejjez tas-sahha u edukazzjoni taz-zewgt ulied;

9. Illi ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikoncilazzjoni bejn il-partijiet;

10. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rkwiziti tal-Artiklou 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta jinsabu kollha sodisfatti u jista jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant , ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti Sabiex joghgobha ;

1. Previa kull notifika u/jew procedura ulterjuri rikjesta skond il-Ligi , tippronunzja l-hall bejn il-kontendenti, liema zwieg sehh nhar it-tmienja u ghoxrin ( 28) ta' Dicembru tas-sena 1988; u

2. Tordna lir-Registartur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66 A tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-intimata, debitament notifikata, ma ppresentatx risposta entro t-terminu.

Rat illi, ghalhekk, setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar id- 29 ta' Mejju 1998**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**